**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 69/2002

Il-Pulizija

(Spettur Mario Tonna)

Vs.

Carmelo Borg

Seduta tal-Hamis 11 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Jannar 2002 ghal habta tat-3.30pm gewwa Triq il-Hemel, Swieqi bi hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' martu Irene Borg, wegghha bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 t'April, 2002, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li qed issib lill-imputat hati u ikkundannatu ghall-multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti minnu pprezentat fil-5 t'April, 2002 li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu filli l-ewwel Qorti ma tatx affidament xieraq id-diskors li ntqal u fl-ambitu li fih intqal il-kliem ; li l-kwerelat appellant u martu jinsabu f' kawza ta' separazzjoni fejn ir-raguni ewlenija tad-deterjorament fir-relazzjonijiet matrimonjali kienet proprju il-persuna estranea li ghaliha jirriferi id-diskors li intqal; li f'materja ta' ingurja jekk persuna tahseb in buona fede li tkun saret xi haga bi hsara taghha , u taghmel l-imputazzjoni relattiva ma tkunx hatja ta' ingurja purche' taghmel tali mputazzjoni bl-inqas publicita' possibbli u bla ma zzid ebda kelma mhux mehtiega f' dawn il-limiti ; li ma jirrizultax li l-appellant ecceda dawn il-limiti jew li bi kliem ezorbita mill-isfera tad-dirimenti minnu invokati.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-abbli prosekutur u tad-difensur fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2002 , meta l-appell gie differit ghas-sentenza ghal-lum ;

Ikkunsidrat ;

Li l-allegata ingurja saret meta , ftit qabel ma kellu jsir access mill-perit tal-Qorti biex tigi stmata id-dar konjugali , gew skambjati xi kliem bejn l-appellant u martu li jinsabu fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni quddiem id-dar konjugali u dwar min kellu jew ma kellux dritt ghall-

istess dar . Fil-kors ta' dan id-diverbju , hu allegat li l-appellant ingurja lil martu Eileen Borg bi kliem bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh taghha .

Illi skond ix-xiehda ta' Eileen Borg quddiem din il-Qorti , Hi kienet marret ma bintha ghall-access u meta l-appellant hareg minn gewwa , ra li kien hemm it-tifla, ma riedhiex u kecciha u qam diverbju li fil-kors tieghu l-appellant qalilha : "Din id-dar m'ghadhiex tieghek minn mindu bdejt iddahhal l-irgiel id-dar." Dad-diskors sar quddiem it-tifla u l-Perit Doublet fil-parapett . Hi ma kienet dahhlet ebda rgiel fid-dar . Pressata ghal diversi drabi fil-kontro-ezami biex twiegeb ghad-domanda jekk id-diskors preciz kienx : "darek missek bzajt ghaliha biex tibqa' darek u mhux iddahhal lil habibek l-Gharbi d-dar waqt li jien inkun ghax-xoghol.", baqghet ma wegbitx..

Illi skond ix-xhieda ta' Elaine Borg , bint l-appellant , qabel l-access hareg l-appellant u beda jghajjar lilha u lill-ommha u lill-ommha qalilha li dik m'ghadhiex darha ghax kienet iddahhal l-irgiel , li mhux vera. Hu ma semmiex persuna b'isimha imma hi kienet taf ghal min qed jghid u din kienet persuna li missierha u ommha kienu jistiednu d-dar . Ma tafx li dil-persuna dahlet id-dar ghajr meta stiednuha missierha u ommha. In kontro ezami qalet li missierha ma kienx semma l-gharbi Kaled Al Bitar specifikatament imma rgiel . Dil-persuna qatt ma dahlet id-dar waqt li missierha kien ikun ghax-xoghol. Sa fejn taf hi ommha ma baqghetx tiffrekwenta lil din il-persuna wara li telqet mid-dar. Lanqas taf li ommha siefret ma dil-persuna.

L-appellant xehed li d-diskors li kien qalilha waqt id-diverbju dak in-nhar tal-incident kien preciz hekk :
"Darek missek bzajt ghaliha biex tibqa' darek u mhux iddahhal lil habibek l-gharbi waqt li jien inkun ghax-xoghol." La semmielha rgiel ohra u l-hadd izjed . Hu kien qed jalludi ghalih u hi taf bizzejjed ghal min hu kien qed jalludi. Hu ma jafx li martu marret ma rgiel ohra , ma dak biss u jaf li marret mieghu id-Dubai u ghada iccempillu skond "itemised bill" li hu kellu fil-pussess tieghu . Ibnu darba minnhom kien qabad lil dan l-gharbi hiereg mid-dar fejn kien hemm ommu biss waqt li hu kien ghax-xoghol. Darba martu kienet stiednietu id-dar lil dan l-Gharbi flimkien mall-mara tieghu u hu biex ma jwaqqalhiex kelmitha ma kienx oggezzjona. Darb' ohra waqt li hu kien fuq il-bejt , ra lil dan l-Gharbi jipparkja u hekk kif ra lill-appellant fuq il-bejt , dan l-gharbi rega saq u wara xi ghaxar minuti kien rega gie u gab cake mieghu.

Fil-kontro-ezami l-appellant rega tenna li hu kien semma ezatt "lil habibek l-gharbi." u ma semmiex irgiel ghax l-ewwel nett ma kienx hemm rgiel bejnithom u hu ma setax jakkuza lil martu b'irgiel ohra

Etienne Borg, bin l-appellant, xehed li hu darba kien irritorna d-dar ghall-habta ta' xil-10.30 p.m. u kien ra lill-gharbi Kaled El Bitar hiereg mill-parapett waqt li l-appellant kien ghax-xoghol . Dak in-nhar ommu kienet qaltlu biex ma jghidx ill-missieru l-appellant ghax l-gharbi kien dahal jaghmel telefonata . Aktar tard hu kien qal lill-appellant b'dan l-incident u x'kienet qaltlu ommu .

Illi ibda biex jidher li hemm zewg versjonijiet ta' x'kien il-kliem ezatt li qal l-appellant u li martu hasset ruha ingurjata bih . Skond martu u bintu issemmiet il-kelma "rgiel" mentri l-appellant jghid li semma lil "habibek l-gharbi" . Illi kif jidher mis-sentenza appellata , quddiem l-ewwel Qorti irrizulta li l-kliem ingurjuz li addebitat il-mara tal-appellant lill-appellant , kif riprodott testwalment fis-sentenza kien : "Xbajt iddahhal irgiel f'dari , messek tisthi . Mhux veru li dahhalt lill-Gharbi fid-dar!" . L-ewwel Qorti ukoll iccitat testwalment dak li xehed quddiemha l-appellant fir-rigward tal-kliem ingurjuz u dan qal :" darek missek bzajt ghaliha biex tibqa' darek u mhux iddahhal l-irgiel d-dar specjalment dak l-Gharbi."

Illi din il-Qorti ma ghandhiex ghaliex tiddubita mill-ezatezza tal-ewwel Qorti meta iccitat testwalment il-kliem li xehdu l-appellant u martu quddiemha , fejn it-tnejn semmew kemm id-dhul ta' rgiel u lill-gharbi in kwistjoni partikolarment .

Ghalkemm quddiem din il-Qorti iz-zewg partijiet hadu pozizzjonijiet estremi u wahda cahdet li issemma l-gharbi u issemmew biss irgiel u l-iehor jichad li semma rgiel u semma biss l-gharbi , f'dan il-kaz jidher li din il-Qorti , "in all fairness" ghall-ewwel Qorti ghandha tqis u tistrieh fuq dak li irrizulta lill-ewwel Qorti u li gie kwotat minnha fis-sentenza appellata bi precizjoni u mhux dak li ghazlu li jiddeponu il-partijiet quddiem din il-Qorti .

Minn dak li jirrizulta quddiem l-ewwel Qorti jidher li l-appellant mhux biss kien semma lill-gharbi izda ukoll semma "rgiel" , haga li fit-trattazzjoni ta' dan l-appell ipprova jitbieghed minnha. Quddiem dil-Qorti l-appellant stqarr li hu ma setax jakkuza lill-martu b'irgiel ohra ghax ragel wiehed kien hemm , dan l-gharbi . Proprju ghalhekk , mela quddiem l-ewwel Qorti irrizulta li l-appellant kien oltrepassa il-limiti tal-giusto dolore u tal-lament gustifikat ta' ragel li jhoss li martu kienet ittradietu meta semma "irgiel" u mhux ragel wiehed. Konsegwentement kienet korretta l-ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati li ingurja lil martu bi kliem fid-dawl ta' dak li irrizultalha.

Ghalkemm f'dal-kaz il-provi mhux traskritti ,l-ewwel Qorti hadet il-briga li tirregistra fis-sentenza appellata il-kliem preciz li xehdu il-kwerelanti u l-kwerelat, l-appellant odjern. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha provi bizzejjed biex issib htija fl-appellant ghax hu ecceda il-limiti billi zied kelma mhux mehtiega u cioe' "rgiel" mall-lament tieghu dwar il-komportament ta' martu . Kieku verament l-appellant kien illimita il-lament tieghu dwar l-gharbi Khaled El Bitar, kienet forsi tkun gustifikata id-difiza tal-appellant li hu kien in buona fede meta qal dak li qal . Imma meta oltrepassa il-limiti u addebita lil martu li kienet dahhlet "irgiel" fid-dar konjugali, kien qed jghid haga li hu stess quddiem din l-istess Qorti stqarr li mhux vera u li ma kellux ilment gustifikat dwarha. Ghalhekk l-ewwel Qorti sew ikkonkludiet minn dak li rrizulta quddiemha li kien hemm l-"animus iniuriandi" f'mohh l-appellant meta irrivolga lil-martu il-kliem li irrizulta li qal quddiem dik il-Qorti anki fix-xhieda tieghu stess.

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

(ft) Joseph G. Galea Debono.
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
11.07.02